MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 2/2010

Edward Vella

vs

Julie Vella

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta' Jannar 2010, li jaqra hekk :-

'Illi l-konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u seba' u sittin Euro u sitta u disghin centezmi (€567.96) rapprezentanti nofs l-ispejjez in konnessjoni mas-sahha u edukazzjoni ta' l-ulied minuri Rhian u Robyn, kif ukoll spejjez ohra in konnessjoni mad-dar matrimonjali kif miftiehem bejn il-partijiet, u qed jigi anness prospett bl-ircevuti annessi u markat bhala Dok. A ;

Illi l-konvenuta giet interpellata anke' permezz ta' ittra ufficjali numru 839/09, izda inutilment ;

Ghaldaqstant il-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas €567.96, bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali numru 839/2009.' ;

Il-konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata tat-8 ta' Frar 2010, eccepiet :-

'1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi l-esponenti rrifjutat li thallas l-ammonti allegatament dovuti fir-rigward ta' spejjez in konnessjoni mas-sahha u edukazzjoni ta' l-ulied minuri Rhian u Robyn stante li (a) l-istess attur dejjem naqas li jipprezenta l-ircevuti relattivi kif ukoll (b) minhabba li l-istess attur huwa debitur fil-konfront tal-esponenti ghal ammonti nkorsi minnha ghal spejjez in konnessjoni mas-sahha, edukazzjoni, u hwejjeg ta' l-istess minuri, u dana kif ser jigi muri fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz ;

3. Illi inoltre, fir-rigward ta' whud mill-ammonti pretizi mill-attur fil-konfront ta' spejjez in konnessjoni mas-sahha u edukazzjoni tat-tewmin minuri, l-esponenti qed tikkontesta bl-ikbar qawwa li tali ammonti verament thallsu kif ukoll li saru fil-konfront tal-ulied minuri, u dana kif ser jigi muri fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz ;

4. Illi fir-rigward ta' l-ammonti allegatament inkorsi in konnessjoni mad-dar matrimonjali, l-esponenti tikkontesta li hija ghandha thallas nofs l-ispejjez hekk inkorsi u dana peress li f'din id-dar matrimonjali qed tabita Hollie Vella li hija maggorenni. Hollie Vella qed tabita f'din id-dar matrimonjali ta' l-attur u ta' l-esponenti minghajr il-kunsens ta' l-istess esponenti tant li l-istess esponenti gia' talbet formalment lil Hollie Vella biex thallas kumpens ta' kera ghal tali abitazzjoni, haga li sallum Hollie Vella ghadha ma hallsitx. Illi ghalhekk, fir-rigward ta' l-ispejjez konnessi mad-dar matrimonjali, ir-responsabilita' tal-esponenti ghandha biss tkun limitata ghal terz ;

5. Illi fir-rigward ta’ l-ammont pretiz mill-attur fir-rigward tal-konsum tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali, liema konsum gie bbazat fuq stima, l-esponenti tikkontesta li dan l-ammont huwa realment dovut u hija disposta biss li thallas is-sehem taghha (u cioe’ dak ta’ terz) fuq il-kontijiet li jkunu jirriflettu l-konsum attwali ;

6. Illi fir-rigward ta’ l-ammont pretiz mill-attur fir-rigward ta’ ‘house insurance’, l-esponenti tirrileva li minn mindu l-partijiet sseparaw, tali insurance dejjem thallset mill-attur u dana peress li kien sar ftehim f’dan is-sens waqt il-proceduri ta’ medjazzjoni mizmuma quddiem il-medjatrici Erika Cutugno, illi ghalhekk, dan l-ammont pretiz mhuwiex dovut mill-esponenti ;

7. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.’ ;

Fl-istess risposta taghha, il-konvenuta ghamlet kontro-talba kontra l-attur, li tghid hekk :-

‘Illi l-attur Eddie Vella ghandu jhallas lill-konvenuta Julie Elizabeth Vella s-somma ta’ sitta u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmi (€96.58) rapprezentanti nofs l-ispejjez konnessi mas-sahha, edukazzjoni, u hwejjeg ta’ l-ulied minuri Rhian u Robyn, kif ukoll is-somma ta’ tlieta u ghoxrin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€23.45) rapprezentanti spejjez ohra in konnessjoni mad-dar matrimonjali bl-indirizz bin-numru hamsa u erbghin (45) Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex. Illi dawn l-ammonti huma dovuti in linea ma’ dak li gie miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni milhuq bejn il-partijiet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Dicembru elfejn u sebgha (2007), atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani.

Ghaldaqstant, l-attur ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ Eur120.03 flimkien mal-imghax u l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.’ ;

Ghal din il-kontro-talba l-attur ipprezenta r-risposta tieghu fit-12 ta’ Frar 2010, fejn eccepixxa illi :-

‘It-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanta huma nfondati fil-fatt, fid-dritt, u fl-ekwita’, u ghahekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra Julie Vella ;

Illi Julie Vella qatt ma pproduciet ricevuti dwar l-ammonti li qed tippretendi u l-attur rikonvenzjonat qatt ma gie nfurmat dawn l-ammonti ghal x’hiex inhuma dovuti ;

Illi mhux talli Eddie Vella m’ghandux jaghti lil Julie Vella imma hija l-istess Julie Vella li ghandha taghti lil Eddie Vella l-ammont kif dedott fl-avviz originali kif ukoll ammont ulterjuri ghall-kont tad-dawl u ta’ l-ilma li wasal issa u li ma giex inkluz fil-kawza, u cioe’ l-ammont ta’ €209.22 – rapprezentanti sehem Julie Vella minn dan il-kont.’ ;

Sama’ l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi l-partijiet kienu sseparaw bonarjament bejniethom b’kuntratt tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Dicembru elfejn u sebgha (2007), fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, u fost il-kundizzjonijiet li dwarhom kienu ftiehemu l-partijiet, u li huma rilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza meritu fil-kawza, hemm dan li gej :-

‘*As regards the care and custody of the minor children Rhian and Robyn, this shall remain joint between the parties. The minors Rhian and Robyn, sisters Vella, shall reside at the place of abode of their mother. Access to the chidren shall be exercised by the parties in a liberal way, provided that due respect is given to the children’s own commitments and personal schedules.*’

‘ *..... the said Edward Vella shall (i) pay half of the expenses involved for the clothing, health, and education of the said twins, as well as half of the expenses related to the dance classes, and other extracurricular activities of*

*the twins; and (ii) he shall give a weekly pocket money to each one of the said twins in the minimum weekly amount of two Maltese liri (Lm2).*'

'*Parties agree that until the house is sold they shall both be entitled to reside in the house, however they shall not be allowed to take third parties with them to it except for the purpose of showing the said house to prospective buyers.......*
*Until the house is sold, the parties shall be jointly responsible for the running and maintenence expenses thereof.*' ;

B'digriet tal-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Generali – Sezzjoni Tal-Familja tat-3 ta' Dicembru 2008, il-Qorti ordnat li 'Il-kura tat-tfal Rhian u Robyn hi fdata lil Eddie Vella u t-tfal ghandhom ighixu ma' missierhom. Ghalkemm fir-rikors intavolat minn Eddie Vella saret biss talba sabiex jinghata l-kura u kustodja tal-minuri Robyn, waqt is-seduta kkonferma li ried li t-tfal ikunu migburin mieghu. Fil-fehma tal-qorti jkun iktar floku jekk it-tfal ikunu qeghdin jghixu flimkien. Fir-rigward tal-post fejn ghandu jghix Eddie Vella ma' wliedu, il-qorti m'hijiex ser taghti ordni. Skond il-kuntratt ta' separazzjoni kull parti rrizervat id-dritt li tkompli tghix fid-dar matrimonjali sakemm tinbiegh, u m'hemmx lok li ssir xi varjazzjoni ta' dak li ftehemu l-partijiet. F'dan l-istadju Eddie Vella ghandu jiehu hsieb il-bzonnijiet ta' wliedu u fl-istess waqt il-qorti qeghda ghalissa tissospendi l-hlas pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni ghall-manteniment tat-tfal.' ;

Huwa car minn dak li kienu ftiehemu l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni li t-tnejn li huma jridu jikkontribwixxu sehem ugwali ghall hwejjeg (*clothing*), sahha, u edukazzjoni tal-minuri Rhian u Robyn, u li sakemm tinbiegh id-dar matrimonjali t-tnejn li huma jibqghu responsabbli ghall-ispejjez korrenti tal-istess dar. Kif sewwa rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju 1989, fil-kawza fl-ismijiet : **Henry Degabriele noe vs Joseph Pullicino**, il-qofol u l-pedament ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu

– cjoe' r-*rationalis principium* huwa li *pacta sunt servanda* ;

M'hemmx dubbju ghalhekk li nofs l-ispejjez li l-attur qed jitlob ghall-applikazzjonijiet li saru f'Novembru 2008, biex il-minuri joqghodu ghall-ezamijiet ta' Secondary Education Certificate fl-Ingliz, matematika, u l-fizika huma gustifikati u ghalhekk dovuti, kif ukoll huma gustifikati l-hlas li qed jitlob ta' nofs l-ispejjez tal-lezzjonijiet tal-privat, u ghax-xiri ta' medicini li l-attur xtara ghall-istess minuri. Dan it-Tribunal pero' ma jarax gustifikata t-talba tal-attur ghall-hlas ta' nofs l-ispejjez tal-*hairdressing* ta' Rhian billi ma jqisx li din it-talba tinkwadra ruhha la taht l-ispejjez ta' '*clothing, health, and edcuation*' tal-minuri u lanqas ma' spejjez ohra li dwarhom il-partijiet kieneu ftiehemu li johorguhom bejniethom ;

Fir-rigward tal-hlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma tad-dar matrimonjali, kif ukoll il-hlas tal-polza tal-assikurazzjoni tad-dar, dan it-Tribunal iqisha wkoll gustifikata t-talba tal-attur li jitlob rimborz ta' nofs dawn l-ispejjez minghand. It-tigdid tal-polza tal-assikurazzjoni tad-dar kienet mehtiega li ssir fid-dawl tas-self fuq id-dar li l-partijiet ghad ghandhom mal-HSBC Bank Malta plc. X'setgha kien il-ftehim verbali bejn il-partijiet fl-istadju tal-medjazzjoni hija rrilevanti ghal dan it-Tribunal billi li jorbot lill-partijiet huwa dak li effettivament ftiehemu bejniethom meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni [ara **Angelina Schembri vs Francis Schembri**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Supejuri – Sezzjoni Tal-Familja fis-16 ta' Settembru 2009] ;

Dwar il-kont tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, l-attur qed jitlob nofs il-hlas li huwa ghall-perjodu bejn l-14 ta' Ottubru 2008 sas-6 Lulju 2009. Filwaqt li l-qari tal-arloggi ghall-perjodu bejn l-14 ta' Ottubru 2008 u t-13 ta' April 2009, huwa attwali, dak ghall-perjodu bejn l-14 ta' April 2009 sas-6 ta' Lulju 2009, huwa estimatorju, pero' meta dan l-ahhar kont jigi kunsidrat mal-qari attwali tal-arloggi ghall-perjodu bejn l-14 ta' April 2009 sat-13 ta' Jannar 2010, dan it-Tribunal ma jsib ebda gustifikazzjoni fl-eccezzjoni tal-konvenuta li hija ma hallsitx il-ghaliex il-

kontijiet kienu hargu fuq qari estimatorju meta l-istima li harget giet ikkalkulata fuq kontijiet precedenti fi zmien meta kienet l-istess konvenuta li kienet tghix fid-dar mal-minuri, u anke' jekk ghall-grazzja tal-argument il-konvenuta kienet ser taghmel xi hlas zejjed, dan kien ser jirrifletti ruhhu fil-kont ta' wara li kien wiehed bazat fuq qari attwali tal-meters ;

Il-fatt li fid-dar matrimonjali kien hemm tghix ukoll it-tifla l-kbira Hollie, apparti li l-konvenuta ma gabet ebda prova a soddisfazzjon ta' dan it-Tribunal meta din it-tifla dahhlet tghix ma' hutha fid-dar, fid-dawl tad-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2008,  fejn il-Qorti tal-Familja esprimiet il-fehma taghha li jkun iktar floku li t-tfal ikunu qeghdin jghixu flimkien, dan it-Tribunal qed jifhem (u ma jara ebda raguni ohra l-ghaliex ghandu jifhima mod iehor) li r-riferenza ghat-'tfal' li saret mill-Qorti kienet ghat-tfal kollha, u cioe' t-tliet itfal li ghandhom il-partijiet u mhux biss ghat-twemin Rhian u Robyn, meta mill-istess digriet jirrizulta li l-Qorti kienet tkellmet ukoll mhux biss ma' dawn it-tnejn, izda wkoll ma ohthom Hollie. Ma jara ghalhekk ebda gustifikazzjoni fl-eccezzjoni tal-konvenuta li hija qed tirrifjuta li thallas sehemha mill-kont tad-dawl u tal-ilma semplicement il-ghaliex fid-dar matrimonjali dahhlet tghix ma hutha l-ohrajn, bintha l-kbira Hollie, u dan kien fi zmien meta kif stqarr il-konvenut, din bintu kienet sfat bla xoghol u ma kelliex mezzi bizzejjed ta' dhul biex tibqa' tghix ghal rasha ;

Ghaldaqstant it-talba tal-attur timmerita li tigi milqugha limitatament pero' ghall-ammont ta' hames mija u hamsin Euro u sitta u erbghin centezmi (€550.46) ;

A rigward il-kontro-talba tal-konvenuta, m'hemm ebda kontestazzjoni da parti tal-attur li jhallas sehemu mill-ispejjez li saru fi hlasijiet lit-Tabib Mario Victor Masini u f'xiri ta' medicini minghand il-Castle Pharmacy skond l-ircevuti relattivi esibiti u li gew accettati minnu. Dwar il-bqija tal-ispejjez li pprezentat il-kontijiet taghhom, dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-ircevuti kollha esibiti mill-konvenuta w anke' n-notamenti li saru minnha ta' hlasijiet li ghamlet u li taghhom baqghet ma esibiet ebda ricevuta,

u josserva li t-total taghhom jammonta ghal mitejn u sebgha Euro u hamsa u erbghin centezmi (€207.45). Nofs dan it-total ta' spejjez jammonta ghal mija u tliet Euro u tnejn u sebghin centezmi (€103.72). Dan it-Tribunal iqis fic-cirkostanzi li ghandu jilqa' t-talba tal-konvenuta biss ghal dawk l-ispejjez li taghhom il-konvenuta esibiet ricevuta, liema spejjez iqisihom li huma gustifikati fic-cirkostanzi u wara li sama' lill-attrici taghti l-ispjegazzjonijiet taghha dwar uhud minn dawn il-kontijiet li taghhom qed titlob sehem minghand l-attur. Ma jqisx ghalhekk li ghandu jikkundanna lill-konvenut ihallas sehemu mill-spejjez ghax-xiri tal-gas li l-konvenuta ghandha notament li nxtara fis-26 ta' Jannar 2010, meta f'okkazjoni precedenti kienet xtrat ukoll il-gas u talbet ricevuta li kopja taghha tinsab esibita a fol.34, u lanqas tal-hlas li sar lit-Tabib Mario Victor Masini, li l-konvenuta ghandha notament li dan kien sar fis-26 ta' Settembru 2009, meta f'okkazjonijiet ohra dan l-istess tabib kien intalab u hargilha ricevuta, li kopja taghha tinsab esibita a fol.53 ;

Ghaldaqstant it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta timmerita li tigi milqugha limitatament ghas-somma ta' disa' u tmenin Euro u tnejn u sebghin centezmi (€89.72) ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur il-bilanc tas-somma ta' erba' mija u sittin Euro u erbgha u sebghin centezmi (€460.74), wara d-debita tpacija tal-ammonti li l-partijiet kellhom jaghtu lil xulxin. Bl-imghaxijiet fuq din is-somma mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament ;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jinqasmu u jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------